Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Illum 8 ta' Gunju 2018

Appell numru: 1/2006

**Alfred u Maria Concetta sive Cettina konjugi Vella (appellanti)**

**Vs**

**Mikelangelo Haber (appellat)**

1. B'rikors prezentat fis-17 ta' Mejju, 2006 l-atturi (appellanti) harrku lill-konvenut (appellat) fil-Bord Li Jirregola l-Qbejjel Ghal Gzejjer f'Ghawdex u Kemmuna u talbu li jkunu awtorizzati jiehdu lura l-pussess tar-raba' msejjah Ta' Fejn il-Barriera, kontrada ta' Mgarr ix-Xini, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex b'kejl ta' 2,497 metri kwadri li jikru lill-appellat minhabba li minn meta r-raba' kienet ghand Salvu Haber, kienet zdingata u tintuza ghall-insib. Inoltre kien ippermetta li jitfa' gebel u hamrija fl-istess raba'. Ziedu li ghandhom bzonn ir-raba' ghall-uzu taghhom u tal-familja.

2. B'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2017 il-Bord cahad it-talba tal-appellanti.

3. Fit-30 ta' Ottubru, 2017 l-appellanti pprezentaw rikors tal-appell. L-aggravji jirrelataw dwar:

   i. L-apprezzament tal-provi fir-rigward tal-kawzali li l-ghalaq ma kinitx qeghda tinhadem u saret hsara bi tfiegh ta' terrapien;
   ii. Id-decizjoni tal-qorti li l-kawzali li sidien il-kera ghandhom bzonn ir-raba' ghall-uzu personali, ma setghetx tigi kkunsidrata minhabba li ma talbux ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas lill-inkwilin.

4. Fl-24 ta' Novembru, 2017 l-appellat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Il-qorti qrat l-atti u ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti.

6. Mill-atti jirrizulta li l-appellat jikri minghand l-appellanti zewg porzjonijiet raba' li jidhru fir-ritratt a fol. 467.

7. **<u>L-ghalqa ma tinhadimx mill-appellat</u>**.

7.1 Skont l-artikolu 4(2)(d) tal-Kap. 1999, ir-raba' trid tkun ilha ma tinhadimx ghallinqas ghall-perjodu ta' tnax-il xahar matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni. Ghalhekk il-perjodu rilevanti hu dak ta' qabel il-prezentata tar-rikors promotur.

7.2 L-appellanti jsostnu li hemm mansab fl-ghalqa in kwistjoni. Mir-ritratti li pprezentaw jirrizulta wkoll l-istat tar-raba' qabel kien prezentat ir-rikors. Ghamlu wkoll riferenza ghad-deposizzjoni ta' Arthur Bajada, ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. L-appellanti jsostnu li dan hu xhud indipendenti.

7.3 Il-prezenza ta' mansab mhuwiex bizzejjed biex il-Bord jikkonkludi li kien hemm bdil fid-destinazzjoni tal-kirja, u dan meta l-qorti fehmet li l-mansab kien f'parti zghira tar-raba' u d-destinazzjoni principali tal-kirja baqghet agrikola. F'dan ir-rigward il-Bord ghamel ukoll riferenza ghall-gurisprudenza li tikkonferma din il-fehmq (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti **Carmel Mifsud vs Peter Paul Zerafa** tat-12 ta' Lulju, 2007). Il-qorti ma taqbilx mall-appellanti li peress li Zakkarija Attard iddeskriva wahda mill-ghelieqi bhala mhux kbira, allura jfisser li parti sostanzjali minnha kienet okkupata mill-mansab. Din hi konkluzjoni tieghu. Kieku riedu l-appellanti setghu pprezentaw ortophotos tar-raba' in kwistjoni matul is-snin li jkunu juru l-mansab. Dan jekk verament riedu jikkonvincu lill-Bord li l-mansab kien jokkupa l-parti kbira mir-raba'. Dan apparti li kellhom ukoll l-opportunita' li fil-bidunett tal-proceduri jitolbu lill-Bord biex jinkariga mill-membri teknici tieghu sabiex isir access fir-raba' fejn setghu facilment isiru kostatazzjonijiet ta' fatt u fejn hemm bzonn tinghata opinjoni.

7.4 Zakkarija Attard xehed li l-mansab jokkupa parti zghira minn wahda mill-ghelieqi li hija mikrija lill-intimat. L-istess jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Kalang Ciantar li qal li *"U, forsi minn tomna kellu siegh"*. Dan apparti raba' l-ohra li hi oggett tal-kirja li dwarha saret il-kawza.

7.5 Mir-ritratt A li l-appellanti rreferew ghalih fir-rikors tal-appell, il-qorti ma tarax kif il-Bord seta' jasal ghal konkluzjoni li r-raba' kienet ilha ma tinhadem ghall-perjodu li trid il-ligi sabiex sid il-kera jkun jista' jiehu lura l-pussess tar-raba'.

7.6 Hu minnu li Arthur Bajada, ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, xehed li wahda mill-ghelieqi (numru 182), *"... ma kienx hemm applikazzjoni ghall-fini ta' sussidju fuqu, ghas-snin elfejn u erbgha (2004), hamsa (05) u sitta (06). Dan jidher li ma kienx jinhadem fl-elfejn u sitta (2006) ghaliex l-iscreenshot jidher illi fin-nofs hemm xi terrapien jew blat jew xi haga ohra. Hemm dak l-abjad jigifieri"*. Il-qorti ma tarax li mir-ritratt a

fol. 467 wiehed jista' jikkonkludi li probabbilment fl-ghalqa numru 182 kien hemm it-terrapien. Id-dokument mhuwiex *aerial photo* li qieghed jiffoka fuq l-art oggett tal-kawza u hu biss fotokopja. Ma jirrizultax li x-xhud mar fil-post u ra b'ghajnejh li dik l-ghalqa partikolari ma setghetx tinhadem minħabba terrapien li ntefa' fiha. L-istess xhud qal ukoll li ma saritx applikazzjoni ghas-sussidju fir-rigward tal-porzjon l-ohra tal-art (numru 184), matul is-snin 2004, 2005 u 2006; *"Dan jista' jkun li kien qed jinhadem, aktarx mizrugh xi qamh jew silla. Imma jigifieri bhala sussidju m'ghandna xejn jigifieri"* (fol. 463). Jirrizulta li f'dak iz-zmien ir-raba' ma kinitx registrata sabiex jinghata sussidju fuqha, u f'Ottubru 2006 saret applikazzjoni biex tigi registrata ghall-iskop biex jibda jinghata sussidju fuqha. Hu minnu li r-registrazzjoni saret tista' tghid kif l-appellat gie notifikat bl-atti, pero' dan il-fatt mhuwiex prova li jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li r-raba' ma kinitx qeghdha tinhadem. Li r-raba' kienet tinhadem hemm id-deposizzjoni ta' Joseph Bugeja, Kalang Ciantar u Zakkarija Attard.

7.7 Il-qorti tfakkar li fejn appell jitratta apprezzament tal-provi, din il-qorti m'ghandiex facilment tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Bord. F'dan il-kaz m'hemmx raguni gravi li twassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-Bord ma setax jiddeciedi bil-mod li ghamel.

8. **<u>Hsara fl-ghalqa peress li l-inkwilin tefa' t-terrapien</u>**.

8.1 L-appellanti jsostnu li Arthur Bajada, ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed li minn *aerial photos* jirrizulta li ntefa' terrapien.

8.2 Hu minnu li Arthur Bajada xehed li fir-ritratt li pprezenta, *"... fin-nofs hemm xi terrapien jew blat jew xi haga ohra. Hemm dak l-abjad jigifieri"*. Hu evidenti li x-xhud ibbaza ruhu fuq dak li qal li qed jara fir-ritratt li pprezenta (fol. 467). L-*aerial photo* hu fotokopja u mehud minn oghli u mhuwiex iffokat fuq ir-raba' oggett tal-kawza imma fuq area konsiderevoli. Il-qorti hi tal-fehma li sabiex jigi determinat jekk saritx hsara fir-raba', dak ir-ritratt mhuwiex prova sodisfacenti.

8.3 Hu evidenti li f'parti mir-raba' oggett tal-kawza kienet infethet triq mill-Gvern fiz-zmien li kien qieghed isir il-progett tat-tisfija tad-drenagg fl-inhawi ta' Mgarr ix-Xini.

8.4 Il-prova cara li saret hi li f'parti mill-ghalqa ntefghet hamrija (ara deposizzjoni ta' Joseph Bugeja a fol. 18 *et seq.*). Qal sew il-Bord li tfiegh ta' hamrija f'raba' mhijiex hsara. Hamrija li ntefghet mill-kuntrattur li kien qieghed jahdem fuq il-progett tat-tisfija tad-drenagg fl-inhawi ta' Mgarr ix-Xini. Mid-deposizzjoni stess ta' Bugeja jirrizulta li r-raba' kienet

tinhadem mill-appellat, tant hu hekk li qal: *"Ghax dhalna fil-wicc meta kien ghadu ahdar, kien ghadu zergha, meta nzilna ffurmajna t-triq"* (fol. 20).

8.5 Il-qorti zzid li b'nota prezentata fis-6 ta' Ottubru, 2006 (fol. 10) l-appellanti pprezentaw tliet ritratti. Iddikjaraw li Dok. B hu ritratt li juri *"t-terrapien mitfugh mill-intimat"*. F'dak ir-ritratt tidher hamrija u mhux terrapien.

8.6 L-ilment ta' sidien il-kera kien li l-inkwilin tefa' jew ippermetta lil min jitfa' l-gebel u hamrija fir-raba' oggett tal-kawza. Kieku riedu sidien il-kera kellhom kull opportunita' li hekk kif ipprezentaw il-kawza, jitolbu lill-Bord biex jaghmel access fir-raba'. Pero' mhemmx provi cari li fir-raba' ntefa' gebel u saret hsara.

9. **<u>Nuqqas ta' talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens m'ghandux iwassal ghan-nullita' tat-talba ghar-ripreza tar-raba' minhabba bzonn ghall-uzu personali</u>**.

9.1 Fis-sentenza l-Bord osserva li l-appellanti ma talbux lill-Bord sabiex jillikwida l-kumpens li hu dovut lill-inkwilin ghal kull benefikat agrikolu li jkun sar matul it-tmien snin konsekuttivi qabel it-terminazzjoni tal-kirja. Minhabba li ma saritx dik it-talba, il-Bord iddecieda li ma kellux jidhol fil-meritu. Dan wara li osserva li l-appellanti m'ghamlux talba ghall-korrezzjoni tar-rikors skont l-artikolu 175 tal-Kap. 12 u sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet baqghu jsostnu li ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-mod kif inkiteb ir-rikors promotur.

9.2 Fir-rikors promotur it-talba taqra: *"Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment lil dan il-Bord joghgbu jawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-imsemmija bictejn raba' u ma jawtorizzax it-tigdid tal-qbiela wara l-15 ta' Awissu tas-sena korrenti"*.

9.3 Skont l-artikolu 4(2), sid il-kera jista' jitlob lura r-raba' sabiex *"(a) jigi wzat ghall-skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment ghal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi…"*.

F'dan il-kaz:

*"(4) Meta sid il-kera jieħu pussess lura tar-raba' jew ta' parti minnu bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Bord bażata fuq is-subartikolu (2)(a), huwa* ***għandu jħallas lill-kerrej kumpens xieraq għal kull benefikat agrikolu li jkun sar mill-kerrej jew minn membru tal-familja fl-***

***imsemmi raba' jew parti minnu matul il-perijodu ta' tmien snin konsekuttivi minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni***".

9.4 Hu l-artikolu 4(1) tal-Kap. 199 li jistipula xi jrid ikun fih rikors li jipprezenta sid il-kera, u cjoe:

(a) Ragunijiet dettaljati ghalfejn irid jiehu lura l-pussess; **U**
(b) **Talba ghal-likwidazzjoni ta' kull kumpens li jollu jithallas skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu**.

Ghalhekk l-appellanti kienu zbaljati meta fin-nota ta' sottomissjonijiet argumentaw li, *"Minn ezami tal-artikoli tal-Kap. 199 minn imkien ma jirrizulta xi obbligu tassattiv li talba ghar-ripreza tar-raba' taht l-artikolu 4(2)(a) trid bilfors tkun tinkludi talba sabiex jigi ffissat kumpens lill-inkwilin"*.

9.5 Ghaldaqstant, hu evidenti li f'dan il-kaz ir-rikors promotur fih talba nieqsa.

9.6 Wiehed mill-kazijiet meta tista' tinghata eccezzjoni ta' nullita hu, *"jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi"* (artikolu 789(d) tal-Kap. 12).

9.7 Il-Bord ghamel riferenza ghas-sentenza **Michael Attard vs Carmelo Desira** tat-13 ta' Mejju, 1987 tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) (Vol. LXXI.ii.149) fejn il-qorti qalet li t-talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens kienet mezz kif, *"… jipprotegi lill-kerrej fis-sens li fl-istess waqt li tigi terminata lokazzjoni, il-kerrej ikun assikurat li jiehu l-kumpens dovut lilu skont il-ligi"*. Kompliet tghid li mil-ligi hu evidenti li l-legislatur ried li l-kwistjoni tal-kumpens kellha tigi determinata kontestwalment mad-decizjoni dwar jekk ghandhiex tintlaqa' t-talba ghar-ripreza.

9.8 Il-parti dispozittiva tas-sentenza li ta l-Bord taqra hekk:

*"Ghaldaqstant, billi ir-rikorrenti ma rnexxilhomx jipprovaw tal-inqas wahda mir-ragunijiet minnhom indikati ghaliex iridu jitterminaw il-lokazzjoni tar-raba' li ghandu f'idejh l-intimat, it-talba taghhom ghat-terminazzjoni tal-kirja u r-ripreza tar-raba' mqabbla lill-intimat ma tistax tirnexxi u ghalhekk qed tigi michuda"*.

Hu fatt li fil-parti dispozittiva l-Bord jaghti x'jifhem li kkunsidra l-meritu ta' kull wahda mit-tliet kawzali li fuqha kienet bazata t-talba ghar-ripreza tal-pussess tar-raba'. Pero' mir-ragunament tal-Bord hu evidenti li fir-rigward tar-raguni li tissemma' f'paragrafu (a) tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 199, il-Bord ma kkunsidrax il-meritu minhabba nuqqas procedurali fir-

rikors promotur. Bir-ragunament tal-Bord, fir-rigward tat-tielet kawzali t-talba kellha tigi michuda mhux ghaliex l-appellanti ma tawx prova fil-meritu izda minhabba li fir-rikors promotur ma inkludewx talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens. Wara li qieset x'wassal lill-Bord biex jichad it-talba relatata mat-tielet kawzali, jekk jigi michud l-aggravju l-parti dispozittiva mhuwiex ser ikun ta' pregudizzju ghall-appellanti peress li xorta jistghu jipproponu kawza ohra ghar-raguni li tissemma' f'paragrafu (a) tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 199. Ovvjament pero' sabiex il-kirja tigi determinata mill-iskadenza li jkun imiss qabel il-prezentata tal-kawza.

9.9 Fis-sentenza **Monica Caruana et vs Joseph Borg et** tal-24 ta' Novembru, 2003, din l-istess qorti qalet:

*"Huwa biss fil-kazijiet kontemplati fis-subincizi 4 (2)(a) – talba ghar-ripreza ghall-uzu personali jew minn xi membru tal-familja – u 4(2)(b) – talba ghar-ripreza ta' raba mhux saqwi ghall-iskop ta' kostruzzjoni fuqu – illi l-ligi trid li jithallas kumpens xieraq lill-bidwi. Huwa f'dawn il-kazijiet specifici biss li l-legislatur rabat it-tmiem tal-lokazzjoni mal-kumpens dovut lill-kerrej. Hu allura proprju f'dawn il-kazijiet li r-rikors kellu jikkontjeni talba espressa ghal-likwidazzjoni ta' kull kumpens li jkollu jithallas, kif hekk jiddetta l-Art 4(1)(b) tal-istes ligi. Diversament, dejjem f'dawn l-istess kazijiet, ir-rikors promotur ikun kolpit b'nullita`. Ara a propozitu "Michael Attard et –vs- Carmelo Desira", Appell, 13 ta' Mejju 1987.....*

*Biex jinghad kollox, imbaghad, il-Kodici ta' Procedura jipprovdi illi fejn in-nullita' eccepita ma titqajjimx quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, dik in-nullita' prevvista skond l-Artikolu 789 (1)(c) ma tistax tinghata a tenur tas-subinciz (2) tal-istess artikolu, meta l-parti li teccepiha in sede appell tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru attijiet ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`. Ara b'illustrazzjoni ta' dan decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Schembri –vs- Pio Vassallo", Appell, Sede Inferjuri, 24 ta' Jannar 1979.".*

9.10 Pero' mbaghad fis-sentenza **Vincent E. Ciliberti nomine vs Andrew Galea et** tad-9 ta' Frar, 2005, din il-qorti hassret is-sentenza tal-Bord sabiex, *"... taghti opportunita' lir-rikorrenti li jressqu quddiem il-Bord talba formali ghall-korrezzjoni tal-att introduttiv taghhom fit-termini ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12. Tirrimetti lura lill-Bord ghall-iskop imsemmi u ghall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni u decizjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-intimati u tal-meritu".* F'dik il-kawza wkoll fir-rikors promotur kienet nieqsa t-talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens.

9.11 Fit-twegiba li l-appellat ipprezenta quddiem il-Bord (fol. 9) l-ewwel eccezzjoni taqra, *"Illi dan ir-rikors huwa null peress illi ma fihx talba ghal-likwidazzjoni ta' kwalunkwe kumpens talvolta dovuta lill-intimat skont il-ligi"*. Il-kawza damet iktar minn ghaxar snin pendenti, u l-appellanti qatt ma talbu li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex tizdied talba. Anzi fin-nota ta' sottomissjonijiet qalu:-

*"Minn ezami tal-artikoli tal-Kap. 199 minn imkien ma jirrizulta xi obbligu tassattiv li talba ghar-ripreza tar-raba' taht l-artikolu 4(2)(a) trid bilfors tkun tinkludi talba sabiex jigi iffissat kumpens lill-inkwilin"*.

9.12 Kif rajna talba ghal-likwidazzjoni ta' kumpens li ghandu jithallas lill-appellat hi **partikolarita' essenzjali** fir-rikors promotur. Skont il-proviso tal-artikolu 789 tal-Kap. 12, f'dak il-kaz eccezzjoni ta' nullita' ma tistax tinghata, *"jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni* ***jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi"***. Bla dubju n-nuqqas fir-rikors promotur seta' facilment jissewwa permezz ta' rikors li jigi pprezentat mill-appellanti *ai termini* tal-artikolu 175(1) tal-Kap. 12. Korrezzjoni li ma kinitx ta' pregudizzju ghall-appellat in kwantu ma tolqotx is-sustanza tal-azzjoni jew eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. Anzi l-korrezzjoni twassal biex jekk jirrizulta li l-appellat ghamel benefikati agrikoli u sid il-kera jinghata ragun fil-meritu, l-inkwilin jithallas il-kumpens li tikkontempla l-ligi.

9.13 Mill-artikolu 4(1) tal-Kap. 199 hu evidenti li sabiex il-Bord jillikwida l-kumpens li jista' jkun dovut lill-inkwilin, fir-rikors promotur irid ikun hemm talba f'dak is-sens. Il-qorti taqbel mal-Bord li l-appellanti ma kellhomx dritt li jippretendu li l-Bord jista' jghaddi biex jikkunsidra l-kumpens li jista' jkun dovut, minghajr ma jkun hemm talba espressa.

9.14 Madankollu fil-fehma tal-qorti ladarba kien evidenti matul iktar minn ghaxar (10) snin li damet pendenti il-kawza li n-nuqqas fir-rikors promotur seta' facilment jigi rimedjat u fir-realta' l-korrezzjoni ma kienet ser tippregudika lil hadd, ma kien hemm xejn milli jzomm lill-Bord milli jissospendi l-ghoti tas-sentenza u jistieden lill-appellanti biex jirrimedjaw ghal dak in-nuqqas. Hu minnu li dak kien ifisser iktar dewmien, madankollu kien il-mod li bih jigi assigurat li l-kwistjoni tigi deciza fil-meritu wara dawk is-snin kollha li kienet ilha tinstema' l-kawża.

9.15 Jekk is-sentenza tal-Bord tigi kkonfermata, ikun ifisser li dwar l-imsemmija kawzali l-kwistjoni fil-meritu ser tibqa' miftuha. M'hemm xejn x'izomm lill-appellanti milli jipproponu proceduri *ex novo* fuq l-istess kawzali, ovvjament bid-data ta' terminazzjoni tal-kirja tkun differenti. Dak li qeghdha tghid il-qorti jsir iktar rilevanti meta tqis il-kwantita ta'

provi fir-rigward tal-meritu li jirrigwarda r-raguni ghar-ripreza tal-pussess tar-raba' kontemplata f'paragrafu (a) tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 199. Perjodu li fih tressqu provi fuq dik il-kawzali mill-kontendenti, u l-appellat ma talabx lill-Bord sabiex jaghti sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari. F'dan il-kuntest il-qorti taqbel perfettament mar-ragunament ta' din il-qorti fis-sentenza **Vincent E. Ciliberti nomine vs Andrew Galea et**. F'dik is-sentenza l-qorti ghazlet rimedju li kien ispirat mill-ispirtu li tevita l-molitplikazzjoni ta' kawzi u tevita l-applikazzjoni rigida ta' formalizmu, u dan fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u tal-partijiet. B'dik is-sentenza nghatat direzzjoni li din il-qorti llum ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex issegwi, iktar u iktar meta tqis x'inhu l-hsieb tal-legislatur meta l-artikolu 175 kompla jigi emendat bl-Att IV tal-2016.

**Ghal dawn ir-ragunijiet:-**

1. **Tichad l-ewwel u t-tieni aggravju.**

2. **Tilqa' t-tielet aggravju u tvarja s-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna tat-12 ta' Ottubru, 2017 in kwantu thassarha f'dik il-parti fejn cahdet it-talba ta' sidien il-kera fir-rigward tar-raguni li tissemma' f'artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 199. Tibghat l-atti lura quddiem il-Bord sabiex issir it-talba relattiva ghall-korrezzjoni fir-rikors promotur billi tizdied talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li jista' jkun dovut lill-inkwilin.**

3. **Ghall-kumplament tikkonferma s-sentenza.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu kollha a karigu tal-appellanti, stante li gew michuda l-ewwel u t-tieni aggravju u minhabba li fir-rigward tat-tielet kawzali dak li gara kien minhabba li r-rikorrenti naqsu milli fir-rikors promotur jinkludu talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens u milli jipprezentaw rikors kif kontemplat fl-artikolu 175(1) tal-Kap. 12.**

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur